# Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat

**(Parti bil-miktub)**

**Il-Ġimgħa 30 ta' Lulju 2010**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal Taqsima A kif ukoll għal Taqsima B huwa ta' tliet sigħat)**

## Taqsima A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tħejji l-atti meħtieġa u motivati għal:

1. talba għal rimedju taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali għax il-klijent tiegħek qiegħed igħid illi nkiser il-jedd tiegħu għal-libertà ta' espressjoni.

2. (a) talba biex il-klijent tiegħek jikseb lura l-pussess ta' proprjetà tiegħu li tinsab f'idejn ħaddieħor li qiegħed iżommha mingħajr titolu li jiswa fil-liġi; u (b) talba għal rimedju kawtelatorju biex dak li qiegħed iżomm il-proprjetà ma jiddisponi minnha b'ebda mod.

3. (a) talba għat-tħassir ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża (ritrattazzjoni) minħabba applikazzjoni ħażina tal-liġi (art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili); u (b) talba għat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata sakemm idumu għaddejjin il-proċeduri ta' ritrattazzjoni.

4. appell kontra dikjarazzjoni ta' esekuzzjoni ta' sentenza mogħtija kontra l-klijent tiegħek minn qorti fl-Italja.

5. (a) talba għall-ftuħ u pubblikazzjoni ta' testment sigriet u (b) talba biex il-klijent tiegħek li ġie diżeredat mingħajr raġuni tajba jingħata l-porzjoni riservata li tmiss lilu.

6. appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li sabet lill-klijent tiegħek ħati ta' approprjazzjoni indebita u ikkundannatu għall-piena ta' priġunerija għal tmintax-il xahar; il-klijent jixtieq illi jappella kemm mis-sejbien ta' ħtija kif ukoll mill-piena.